MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 477/2010

**Rikors numru 477/10CSH**

**Simon Estates (Naxxar) Limited (C35740)**
**Vs**
**Roger Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mis-socjeta’ attrici nhar l-10 ta’ Novembru 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha immedjatament is-somma ta’ sitt elef tmien mija wiehed u sebghin Ewro w hamsa u sittin centesmu (€6871.65) dovuta minnu kwantu ghal hamest elef tmien mija w tlieta w ghoxrin Ewro w tlieta w erbghin centezmu (€5823.43) *agency commission* ghar-rigward tal-bejgh tal-flat internatment immarkat bin-numru sitta (6), formanti parti mill-kumpless ufficjalment immarkat bin-numru mija w tnax (112) u jismu ‘Platinum Mansions’, fi Triq Nazju Ellul, Gzira, w kwantu ghall-bilanc t’elf u tmienja w erbghin Ewro w tnejn u ghoxrin centezmu (€1048.22) VAT, skond skrittura ta’ bejniethom datata 15 ta’ Dicembru 2009.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-19 ta' Ottubru 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

Il-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konventu huwa notifikat bl-atti tar-rikors permezz tal-procedura tal-affissjoni li saret mar-residenza tieghu kif indikat fir-rikors promotur u cioe 56/6, Kappara Court, Triq il-Buqrajq, Kappara, San Gwann, fil-Kunsill Lokali ta' San Gwann u fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Gwann nhar is-27 ta' Jannar 2011 (fol. 11 tergo).

Rat ukoll li gie notifikat permezz t'estratt li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-28 ta' Jannar 2011 (fol. 10).

Rat ukoll li gie notifikat permezz t'estratt li gie pubblikat fil-gazzetta lokali *The Times* nhar l-4 ta' Marzu 2011 (fol. 13).

Rat illi l-konvenut ma deher qatt il-Qorti sabiex jikkontesta t-talbiet attrici.

Semghet lil **Simon Debono** jixhed fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' attrici nhar id-9 ta' Marzu 2011 u jghid li l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma msemmija fir-rikors promotur u dan ghar-ragunijiet hemm imsemmija. Ikkonferma li mill-jum tal-prezentata ta' dan ir-rikors promotur sa meta xehed, il-konvenut m'ghamel l-ebda pagament, nonostante li huwa nterpellah diversi drabi biex jaghmel dan. Huwa esebixxa kopja tal-iskrittura msemmija minnu fir-rikors promotur, li giet immarkata bhala Dok. CSH. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-kuntratt li sar bejn Catherine Galea w il-konvenut li gie mmarkat bhala Dok. CSH 1 u dokument iffirmat minn Catherine Galea fejn iddikjarat li kienet is-socjeta' attrici, tramite r-rappresentant taghha Peter Farrugia, li kienet introducietha mal-konvenut w li l-istess socjeta' attrici hadet parti kbira fin-negozjati li effettivament wassluha biex tixtri l-appartament imsemmi fil-kuntratt esebit.

Illi ghalhekk, in vista tal-premess u tal-provi migbura, w fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni min-naha tal-konvenut, jirrizulta bic-car li t-talba tas-socjeta’ attrci hija gusta w timmerita li tigi konfermata.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ndikata fir-rikors promotur, u cioe’ l-ammont ta’ sitt elef, tmien mija wiehed u sebghin Ewro w hamsa w sittin centezmu (€6871.65) ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur.**

**Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment, u bl-imghax legali mid-19 t’Ottubru 2010 a karigu tal-konvenut**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------